ŻEBBUĠ

<u>Minuti</u> **tas-Seduta Nru. 02/12**
***Kienet addottata Aġenda nru. 02/2012***

**Iltaqa' fil-Bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ**

**Data: Il-Ħamis, 12 ta' April 2012**

**Ħin: Fil-5.30 ta' filgħaxija**

**Preżenti għall-laqgħa:-**
- **Is-Sur Nicky Saliba – Sindku**
- **Is-Sur Mario Cassar – Viċi Sindku**
- **Is-Sur Joseph Camilleri – Kunsillier**
- **Is-Sur Victor Refalo – Kunsillier**
- **Is-Sinjura Maria Saliba – Kunsilliera**
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Ippresjeda l-laqgħa s-Sindku Nicky Saliba.

## 1. TALBA

Intqalet talba mis-Sindku u ngħata bidu għall-laqgħa.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI SEDUTA NRU. 01/2012

Billi l-minuti tas-seduta b' nru. 01/2012 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu.

Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

## 3. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI SEDUTA NRU. 01/2012

Ma tqajjmux punti mill-minuti.

Is-Segretarja Eżekuttiva qrat dan is-sett ta' minuti. Dawn il-minuti ttieħdu bħala approvata mill-Kunsill.

Ġie deċiż li l-eks Sindku Carmelo Saliba jintalab jippreżenta *affidavid* fir-rigward tal-*mobile phone* tal-Kunsill li skont Saliba, dan il-*mobile* kien insteraqlu fiż-żmien li hu kien Sindku.

## 4. KORRISPONDENZA

Sar il-qari ta' din il-korrispondenza:-

Ittra mibgħuta mid-Dipartiment għal Eko-Għawdex dwar il-proġett tal-Kunsill ta' bini ta' ħitan tas-sejjieħ fi Triq iż-Żebbuġ, proġett li ġie aċċettat mill-Ministeru għal Għawdex. Kien maqbul li ssir sejħa għall-offerti għal bini ta' dawn il-ħitan biex hekk kif jiġi ffirmat il-Kuntratt mal-Ministeru, ikun jista' jinbeda x-xogħol.
Il-Kunsill iddeċieda li jibgħat ittra lill-Ministeru għal Għawdex dwar l-istat ta' Triq iż-Żebbuġ.

Ittra ta' Transport Malta dwar it-talba tal-Kunsill biex titwassa' l-bankina u ssir *pedestrian crossing* fi Triq ix-Xwejni. Dwar iż-*zebra crossing*, din ser tkun kunsidrata l-quddiem mill-Kunsill.

Ittra mibgħuta mill-Ministeru għal Għawdex dwar it-twaħħil ta' *electric vehicle charging point* fi Pjazza l-Assunta. Il-Viċi Sindku qal għandha tingħata attenzjoni għal lokazzjoni ta' fejn ser jitpoġġa dan iċ-*charge* peress li Pjazza l-Assunta hi ċentru storiku. Ma kienx hemm oġġezzjonijiet li ċ-*charge* jitpoġġa fil-pjazza pero' ssir nota tal-punt li qajjem il-Viċi Sindku.

Ċirkulari 16/2012 tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar l-asfaltar tat-trinek meta jsir xogħol mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma. Il-Kunsill għażel opt B – ix-xogħol tal-asfaltar tal-kanali jsir mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma mingħajr ma l-Kunsill Lokali jħallas xi spejjeż involuti.

Memo 120/11 tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar għajnuna lill-Kunsilli li għandhom ir-responsabbilta' ta' librerija lokali. Il-Kunsill approva li jixtri b' €597 kotba mingħand Book Distributors Ltd u s-sett Skema tal-qari ġdida: il-klabb tal-qari jiswa €62 mingħand Midsea Books Ltd.

Memo 17/12 tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar l-iskema EGOV4U għall-Kunsilli Lokali.

| **Applikazzjonijiet għall-permess tal-Kunsill Lokali** | **Deċiżjonijiet meħuda mill-Kunsill Lokali** |
|---|---|

| | |
|---|---|
| (i) Gozo Jeep Tours<br>Għal attivita' soċjali<br>nhar is-16 ta' April 2012<br>fix-Xwejni. | Approvata. |
| (ii) Film Corp Ltd<br>Għal tqegħid ta' trakkijiet<br>fi Triq Għajn Mhelhel<br>mis-16 ta' April sat-18<br>ta' Mejju 2012. | Approvata<br>(nitolbu kopja tal-*film* u ssir ħarġa għat-tfal tal-lokal meta jkun għaddej il-*filming*). |
| (iii) Il-Perit Saviour Micallef<br>f' isem John Cefai.<br>Biex juża sit fil-Bajja tal-Qbajjar għal kiri ta' *canoes* minn Ġunju sa Settembru 2012. | Ma kienx hemm oġġezzjonijiet. |

## 5. APPROVAZZJONI TAL-KONTIJIET

Ċedola nru. 01/12 kienet approvata.

Ħlas dovut lill-Awtorita' dwar l-Ambjent u l-Ippjanar fir-rigward tal-applikazzjoni għal bini ta' *belvedere* u *picnic area* fix-Xwejni – nistennew biex naraw jekk il-proġett hux ser ikun aċċettat.

## 6. SEJĦA GĦALL-OFFERTI

PROVVISTA U ĠARR TA' *GROUND RECESSED LUMINARIES*

Is-Segretarja Eżekuttiva qalet billi fil-ħin tal-egħluq tal-offerti, ħadd mill-Kunsilliera tal-Kunsill preċedenti ma kien preżenti għall ftuħ tal-offerti, l-offerti mitfugħa kienu ssiġillati. Hija qalet li ntefgħu tlett offerti għall-provista ta' *ground recessed luminaries.*
Is-Segretarja Eżekuttiva fetħet l-offerti mitfugħa.

| **Isem l-offerent** | **L-ammont** |
|---|---|
| MCE Ltd | Opt A €4,814.16<br>Opt B €2,553.98 |
| Rapa Showroom Co Ltd | Opt A €4,862.00<br>Opt B €4,410.25<br>Opt C €5,112.90 |
| Richard Cauchi | Opt 1 €4,560.27 |

Opt 2 €5,614.44
Opt 3 €7,737.08
Opt 4 €6,995.04.

Is-Segretarja Eżekuttiva qalet li kienet ser tgħaddi kopja tal-offerti lil Galea Curmi Engineering Consultants biex jagħmlu l-evalwazzjoni tal-offerti u joħorġu r-rapport tagħhom.

## 7. JUM IŻ-ŻEBBUĠ 2012

Għal Jum iż-Żebbuġ, il-Kunsill iddeċieda li jorganizza dawn l-attivitajiet:

| | |
|---|---|
| 22 ta' April | Tberik tal-*pets*<br>Tingħata tifkira lill-parteċipanti kollha (€2 il-waħda) u l-kitba taż-żwiemel tkun €5. |
| 28 ta' April<br>in-nofs ta' nhar ta' filgħodu | Bil-koperazzjoni ta' Żebbuġ Rovers F.C. turnament tal-futboll bejn in-*nurseries* u logħob għall-bniet (budget ta' €400 għal din l-attivita'). |
| Filgħaxija | Quddiesa ta' ringrazzjament.<br>Wara l-quddiesa, ċerimonja ta' tifkira fiċ-Ċentru Parrokkjali bis-sehem tal-Banda Sta Marija u l-Kor taż-Żebbuġ. Jippreżentaw iċ-ċerimonja Diane Calleja u Christian Cassar. Fir-rigward tal-PA System u l-kiri ta' dwal, ġie deċiż li jinġabru tlett kwotazzjonijiet u x-xogħol jingħata lill-irħas wieħed. |

Il-Kunsill unanimament qabel li l-Premju Ġieh iż-Żebbuġ jingħata lill-eks Sindku Harry Debono. Ser jipprepara l-profil tas-Sur Debono l-Viċi Sindku.

Ġie deċiż li jsir riċeviment għal mistednin u nużaw il-*catering* ta' David's Bakery.

Tittella' wirja fil-bini tal-Kunsill (jintużaw il-bords tal-Banda).

## 8. ILWIEN IR-REBBIEGĦA 2012

Il-Kunsill iddeċieda li:-

- jipposponi l-attivita' ta' Ilwien ir-Rebbiegħa għall-ewwel *weekend* ta' Ġunju, 2 - 3 ta' Ġunju.
- budget ta' €5,000 - €6,000 għall-attivita'.
- issir laqgħa biex ikun deċiż il-programm tal-attivita'.

Is-Segretarja Eżekuttiva għarrfet lill-Kamra li rċeviet mill-Malta Competition & Consumer Affairs Authority ir-rapport dwar il-*playing field* taż-Żebbuġ. Dan ir-rapport se jkun diskuss fil-laqgħa li jmiss.

Il-Kunsill qabel li joħroġ l-ordni taż-żebgħa tal-*playing field* taż-Żebbuġ.

## 9. ILMENTI

Ilment 10/12 – Angelico Cini & 12/12 – Toni Buttigieg
Talbu biex issir it-tiswija ta' Triq Wied l-Infern.
Is-Sindku għarraf lill-Kamra li l-Ministeru għal Għawdex offra li jipprovdi l-konkos għall-manutenzjoni ta' Triq Wied l-Infern bil-kundizzjoni li l-Kunsill jipprovdi x-xibka. Il-Kunsill ser jara xi spejjeż hemm.

Ilment 11/12 – Gejtano Bondin
Irrapporta mera miksura fi Triq Dun Karm Cachia, qabel taqbad it-Triq ta' Ċenċ. Il-Kunsill qabel li jwaħħal mera ġdida u jwaħħal mera oħra wara l-knisja fil-bidu ta' Triq Għajn Mhelhel.

Ilment 13/12 – Alfred Attard
Talab biex jitnaddaf quddiem il-*boathouses* tax-Xwejni u jinbena ħajt imwaqqa' fl-istess post. Is-Sindku qal fuq il-*boathouses* tax-Xwejni hemm blata iminenti li taqa'. Il-Kunsill iddeċieda li jitlob stima tax-xogħol lil Richard Axiaq u Louis Zammit.

Ilment 14/12 – Beverly Pace
Talbet biex isir xogħol ta' *patching* quddiem ir-residenza Serenity, Triq Għajn Mhelhel. Is-Segretarja Eżekuttiva ser tkellem lil Louis Portelli tar-Roads Department.

Ilment 15/12 – is-Sindku
Għandu talba biex terġa' titwaħħal lampa li tqaċċtet bil-maltemp li kienet imwaħħla ma' Sunset, Triq tal-Kanun. Il-Kunsill approva din it-talba.

Ilment 17/12 – is-Sindku
Issir il-manutenzjoni ta' Triq taċ-Ċaqra (traqqiegħ bil-konkos), Triq Ta' Tutiet, parti minn Triq Ħabel it-Twil, tal-Għazz u tal-Bajjad. Il-Kunsill approva erba' metri konkos għat-Triq taċ-Ċaqra u fir-rigward tat-toroq l-oħra, tintalab stima tax-xogħol lil Richard Axiaq u Louis Zammit.

Ilment 18/12 – Victor Cini
Talab biex jitħammel il-wied fil-limiti tal-Ħofra tat-Torok u wkoll titranġa t-triq. Ser tintalab stima tax-xogħol.

Ilment 20/12 – Philip Bonello
Talab biex isir *patching* fi Triq Ħabel it-Twil.

## 11. AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ntemmet fid-9.30 ta’ filgħaxija u l-Kunsill aġġorna *sine die*.

Nicky Saliba
Sindku

Diane Tagliaferro
Segretarja Eżekuttiva